**18 ta' Lulju, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Gerald Cassar

**Attentat Vjolent għall-Pudur — Oltraġġ — Tentattiv — Molestja — Art. 222 u 353(d) tal-Kodiċi Kriminali.**

*L-attentat vjolent għall-pudur, jew oltraġġ vjolent għall-pudur, hu kostitwit minn dawk l-attijiet impudiċi kollha li jiġu kommessi fuq persuna oħra kontra l-volontà tagħha li ma jammontawx għal wieħed mid-delitti, ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel dak numru 222 tal-Kodiċi Kriminali.*

*Hu diffiċli tirraviża l-figura ta' tentattiv ta' dan ir-reat; għax jekk l-attijiet impudiċi għandhom ġa bidu, l-attentat jispiċċa u dawk l-attijiet jirrappreżentaw vjolazzjoni ġa kompleta tad-dritt attakkat, mingħajr ma hemm bżonn li wieħed jara jekk il-ħati rraġġungiex jew le l-iskop impudiku tiegħu; mentri jekk l-atti impudiċi ma jkollhomx bidu, allura jitqiesu biss bħala atti preparatorji, u l-attentat jisparixxi.*

*Fil-kas preżenti, il-Qorti rriteniet illi l-atti attribwiti lill-imputat ma kienux jammontaw għal attentat vjolent tal-pudur, u lanqas għal tentattiv ta' dak ir-reat, imma kienu jammontaw għal molestja u "vie di fatto".*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors tal-imsemmi Gerald Cassar, li bih appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta tal-4 ta' Lulju 1959, u talab li jiġi liberat minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-imsemmija sentenza, li biha l-appellant ġie misjub ħati ta' tentattiv ta' attentat vjolent għall-pudur skond l-art. 42(1) u 222 tal-Kodiċi Kriminali, u ġie kundannat għal erbgħa xhur lavuri furzati;

Trattat l-appell;

Tikkunsidra;

Ma hemmx dubju li kien l-appellant li fis-6 ta' Mejju 1959, filgħodu, għajjat lit-tifla Doris Azzopardi ta' għaxar snin, fi Triq l-Imsida, u, meta din ma marretx, hu laħaqha, qabdilha idha, ħadha ħdejn il-baħar kontra l-volontà tagħha, għattielha għajnejha b'idu, u qallha "Il-lum biss sejra l-iskola; lanqas il-lum m'inti sejra"; u meta staqsietu "għalfejn?", hu rrispondiha "Ħalli torqod miegħi u nixtriiek il-ħelu". It-tifla tagħtu daqqa ta' sieq u ħarbet lejn darha;

L-attentat vjolent għall-pudur — il-vokabolu "attentat" fis-sens ta' "osare", "ardire", "tħebb" — jew oltraġġ vjolent għall-pudur, hu kostitwit minn "tutti quegli atti impudici commessi sopra altra persona contro la di lei volontà" (Carrara, Programma, §1542), li ma jkunux jammontaw għal wieħed mid-delitti, ikkunsmat jew attentat, imsemmija fl-artikoli ta' qabel l-art. 222 tal-Kodiċi Kriminali. "Nell'essenza di fatto del delitto di oltraggio violento al pudore non si richieggono condizioni speciali per il lato dell'animo. Tutto il compendio degli elementi costitutivi del 'corpus criminis' in tale maleficio si esaurisce nelle condizioni materiali di un atto esercitato sulla persona altrui, dal quale ne risulti un oltraggio al di lei pudore, eseguito con pravo fine e previsione di tale risultato" (ibid. §1548);

In kwantu għat-tentattiv ta' dan ir-reat, "...... nell' oltraggio violento al pudore difficilmente si potrà costruire la figura di un tentativo punibile. Avvegnachè sia evidente per le nozioni generali che, se gli atti impudici hanno avuto incominciamento, il conato sparisce per ragione di eccesso, rappresentandosi in quegli atti una violazione già completa del diritto attaccato, senza bisogno di cercare se il colpevole raggiungesso o ne il pieno sfogo del brutale appetito. E se invec l'atto impudico non avrà ancora avuto cominciamento, non troveremo altri termini tranne quelli di atti preparatori, ed il conato sparirà per difetto" (ibid. §1552; Crivellari, Codice Penale, Vol. VII, paġ. 486);

F'dan il-każ, l-għemil tal-appellant ma jistax jiġi kwalifikat bħala "bidu ta' eżekuzzjoni" (art. 42(1) ), ta' attentat vjolent għall-pudur tat-tifla, u għalhekk il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti mhix sostenibbli;

In kwantu, però, l-appellant mar jilħaq it-tifla ta' għaxar snin, qabdilha idha, ħadha kontra l-volontà tagħha ħdejn il-baħar, u għattielha għajnejha fil-waqt li qalilha li ma tmurx skola aktar, sakemm hi rnexxielha taħrablu, huwa uża kontra tagħha "vie di fatto" li bihom almenu immolestaha, u hekk sar ħati tal-kontravvenzjoni kontemplata fl-art. 353 (d) tal-Kodiċi Kriminali;

Din il-Qorti tikkunsidra l-għemil tal-appellant bħala fatt serju, in kwantu, per mezz tal-forza proporzjonatament għaċ-ċokon tat-tifla, huwa ħadha fejn ma riedetx tmur. Fl-istess ħin sejra tqies illi l-appellant dam taħt arrest preventiv mid-29 ta' Mejju 1959 sal-11 ta' Lulju 1959;

Għalhekk tilqa' l-appell, fis-sens illi tirrevoka s-sentenza appellata, billi tiddikjara l-appellant mhux ħati tarreat ta' tentattiv ta' attentat vjolent għall-pudur, iżda ħati talli ħebb kontra persuna sabiex idejjaqha skond l-art. 353 (d) tal-Kodiċi Kriminali; u tikkundannah għal-tletin ġurnata detenzjoni, li minhom għandhom jitqiesu ġa skuntati tnejn u għoxrin ġurnata.